



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en)

6845/23
ADD 4

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0046(COD)

TELECOM 50
COMPET 146
MI 140
IA 32
CODEC 262

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Frar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 47 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex jonqos il-kost għall-installazzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika tal-gigabits, u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2023) 47 final.

Mehmuż: SWD(2023) 47 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2023
SWD(2023) 47 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**dwar miżuri biex jonqos il-kost għall-installazzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni
elettronika tal-gigabits, u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (l-Att dwar l-Infrastruttura
tal-Gigabits)**

{COM(2023) 94 final} - {SEC(2023) 96 final} - {SWD(2023) 46 final}

SKEDA TAS-SOMMARJU EŻEKUTTIV

Valutazzjoni tal-impatt dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex jonqos il-kost għall-installazzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika tal-gigabits, u li jħassar id-Direttiva 2014/61/UE (l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits) li tirriżulta mir-rieżami tad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhil-problema u għalfejn hi problema fil-livell tal-UE?

Il-kopertura kollha tan-networks b'kapaċità għolja ħafna (VHCN), inkluż it-tnedija tal-fibra u tal-5G, fl-Istati Membri kollha, qed iġġarrab żewġ sfidi: il-kostijiet għoljin għall-introduzzjoni tan-networks u l-introduzzjoni kontinwament bil-mod tan-networks. Madankollu, id-domanda tal-unitajiet domestiċi u tan-negozji għal konnettività ta' kwalità għolja veloċi u mifruxa qed tiżdied malajr fl-UE, imsaħħa mill-pandemija tal-COVID-19. Id-Direttiva tal-2014 dwar it-Tnaqqis fil-Kost tal-Broadband (id-Direttiva) ma kinitx effettiva għalkollox biex jonqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni tan-networks tal-broadband. Dan ġara l-aktar għax il-flessibbiltà mogħtija lill-Istati Membri biex ma jimplimentawx xi miżuri jew biex japplikaw xi eżenzjonijiet ikkawżat implimentazzjoni inkonsistenti fl-UE u wasslet għal interpretazzjoni diversa ta' ċerti dispożizzjonijiet permezz ta' soluzzjoni tat-tilwim u linji gwida nazzjonali. Barra minn hekk, l-ambizzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ma għadhomx jaqblu iżjed mal-iżviluppi teknoloġiċi u s-suq.

X'għandu jinkiseb?

L-għan ewlieni hu li jingħata kontribut biex jintlaħqu l-miri tal-konnettività tal-Gigabit tad-Deċennju Diġitali 2030 stabbiliti fil-programm ta' politika tad-deċennju diġitali, u b'hekk jingħata kontribut għal funzjonament aħjar tas-suq intern. Biex tiżdied il-kopertura u tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni ta' networks VHCN fissi u bla fili/mobbli fl-UE, l-oġettiv hu li jitnaqqsu l-kostijiet u titħaffef l-introduzzjoni tal-VHCN billi jiġu ottimizzati l-introduzzjoni u l-użu mill-ġdid tal-infrastruttura fiżika u billi jitfasslu proċeduri amministrattivi konsistenti, simplifikati u diġitalizzati għall-introduzzjoni tan-networks fl-UE.

X'inhil-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

L-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tad-Direttiva wriet li l-miri tal-konnettività tal-UE ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri wehldhom fi żmien raġonevoli u bl-aktar użu effiċjenti tal-investiment privat u pubbliku. Il-miżuri li adottaw l-Istati Membri sal-lum iwarjaw ħafna u xi drabi anki bejn ir-regġuni jew il-muniċipalitajiet. Din it-taħlita ta' regoli tippreveni l-ekonomiji ta' skala għall-operaturi u toħloq ostakli għall-investiment transfruntier. Taffettwa l-funzjonament xieraq tas-suq intern, b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet transfruntiera inerenti, bħas-sewqan konness u awtonomu, li jeħtieġu disponibbiltà mifruxa ta' networks VHCN. Il-problemi li nstabu huma komuni għall-ħafna mill-Istati Membri, jekk mhux għal kollha kemm huma.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma l-alternattivi varji biex jintlaħqu l-oġettivi? Hemm alternattiva ppreferuta? Jekk le, għalfejn?

Ġew ikkunsidrati u vvalutati erba' alternattivi ta' politika.

- **Alternattiva 1** tagħmel biss aġġornament minimu tal-istrument b'mod partikolari biex l-kamp ta' applikazzjoni jiffoka fuq networks aktar avvanzati u biex ċerti dispożizzjonijiet jissaħħu u jiġu ċċarati.
- **Alternattiva 2** tinkludi dak li tipproponi l-Alternattiva 1; testendi wkoll l-obbligi tal-aċċess (u tat-trasparenza relatata) għall-assi pubbliċi tal-infrastruttura fiżika *mhux tan-network*, tipprevedi ċerti eżenzjonijiet fuq l-assi / l-introduzzjonijiet tan-networks

VHCN biex jiġu indirizzati l-problemi fejn jidħol l-inċentiv tal-investment, u tinkludi miżuri ġodda biex jittejbu l-proċeduri għall-għoti tal-permessi. • Alternattiva 3 tibni fuq l-Alternattiva 2 (ħlief l-eżenzjonijiet tan-networks VHCN) u tistabbilixxi regoli ġodda u tipprevedi gwida fil-livell tal-UE biex tiċċara l-aċċess għall-infrastruttura fiżika (inkluż ġol-bini) u l-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili. Testendi wkoll l-obbligi tat-trasparenza proattivi għall-operaturi privati tan-networks u teżiġi d-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni mogħtija fil-punti uniċi tal-informazzjoni (SIPs), inkluż l-informazzjoni ġeoreferenzjata. Barra minn hekk, tkompli ssaħħa l-proċeduri għall-għoti tal-permessi b'mod ġenerali u tawtorizza l-installazzjoni tal-fibra ġol-bini u standards nazzjonali għal ġol-bini. • Apparti dak li tipproponi l-Alternattiva 3, l-Alternattiva 4 testendi l-obbligi tal-aċċess u l-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili għall-operaturi privati kollha u, meta rilevanti, għal ċerti operaturi mhux tan-network u tawtorizza l-istandards tal-UE għal ġol-bini. Din teżiġi pjattaforma komuni għall-infrastruttura fiżika eżistenti u għax-xogħlijiet ċivili ppjanati u tista' tippermetti applikazzjonijiet għall-permessi. L-alternattivi kollha, ħlief l-ewwel waħda, ikunu jeħtieġu regolament ġdid. B'mod ġenerali, l-Alternattiva 3 tidher li tikseb l-aqwa bilanċ bejn il-kostijiet tal-implimentazzjoni fl-immedjat u l-benefiċċji fi żmien medju, iżżomm il-piżijiet regolatorji mhux meħtieġa għal minimu, u tillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur tal-komunikazzjoni elettronika.
X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema alternattiva u min jappoġġaha? Il-partijiet ikkonċernati lkoll jaqblu fuq il-ħtieġa li jkollna konnettività ta' kwalità għolja. Grupp kbir ta' operaturi u ħafna mill-assoċjazzjonijiet tan-negozji jidhrilhom li jeħtieġ jiżiedu l-armonizzazzjoni u r-regolamentazzjoni fil-livell tal-UE, filwaqt li għadd iżgħar ta' operaturi jidhrilhom li l-Istati Membri jeħtieġ jingħataw flessibilità fil-mod kif jimplimentaw u jinfurzu il-leġiżlazzjoni tal-UE. L-awtoritajiet pubbliċi qed isibuha iżjed bi tqila mill-operaturi fejn jidħol it-teħid tal-miżuri fil-livell tal-UE.
C. Impatti tal-alternattiva ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)? L-Alternattiva 3 hi stmata li żżid l-introduzzjoni ta' networks ġodda bl-użu mill-ġdid tal-infrastruttura fiżika jew bil-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili għal 470 000km flok il-250 000km tax-xenarju bażi. Tnaqqas ukoll il-kost tal-introduzzjoni tan-networks b'EUR 14,5-il biljun u s-sussidji pubbliċi meħtieġa bi EUR 2,4 biljun. Sal-2030, din tista' tevita 0,7 miljun tunnellata ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra. Aktarx li din tikseb bosta benefiċċji għas-soċjetà, l-aktar billi tnaqqas id-distakk diġitali urban rurali, u benefiċċji ekonomiċi, notevolment bl-investment mill-ġdid tal-kostijiet li mistennija jiġu ffrankati.
X'inhuma l-kostijiet tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)? L-Alternattiva 3 tinvolvi kostijiet ta' darba stmati ta' EUR 70 miljun. Dan l-ammont jinkludi EUR 15-il miljun għall-fornituri tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika, u l-bqija huma l-aktar għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, relatati mal-istabbiliment ta' proċeduri konsistenti għall-għoti tal-permessi u l-pjattaformi diġitali. Hemm ukoll kost rikorrenti ta' EUR 6-7 miljun għall-korpi responsabbli għas-soluzzjoni tat-tilwim u l-SIPs. Iżda ladarba jkun sar dan l-investment, l-Alternattiva 3 mistennija tipprovdi ffrankar <i>annwali</i> tal-kostijiet amministrattivi ta' EUR 40 miljun għall-operaturi tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika, minħabba aċċess aħjar għall-infrastruttura fiżika u proċeduri aħjar tal-applikazzjoni għall-permessi. Se jkun hemm ukoll iffrankar tal-kostijiet operazzjonali għall-awtoritajiet pubbliċi, inkluż il-muniċipalitajiet. Dawn il-benefiċċji jistgħu possibbilment jiġu estiżi jekk il-pjattaformi tal-permessi online jintużaw ukoll minn setturi oħra, kif diġà qed jiġri f'diversi Stati Membri.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?
M'hemm l-ebda obbligu speċifiku għall-kumpaniji żgħira u medji (SMEs) bħala l-akkwirenti ta' servizzi tal-Gigabits, filwaqt li l-SMEs li jaġixxu bħala operatori tan-networks jistgħu jintlaqtu bl-istess mod bħal negozji oħra. Madankollu, in-nuqqas attwali ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika u l-prezzijiet għoljin għall-konnettività tal-Gigabits huma sfidi sinifikanti b'mod partikolari għall-SMEs u s-servizzi pubbliċi żgħira , għax jillimitaw l-abbiltà tagħhom li jgawdu mit-titjib fil-produttività assoċjat ma' broadband aktar veloċi u applikazzjonijiet diġitali avvanzati. Anki t-taħlita attwali ta' regoli u prattiki fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali hi ostaklu għall-kumpaniji li jixtiequ jiksibu ekonomiji ta' skala, u dan jaffettwa l-kompetittività tal-UE.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
L-alternattiva ppreferuta hi stmata li tinvolvi kostijiet <i>ta' darba</i> ta' madwar EUR 35-40 miljun għall-awtoritajiet lokali, relatati l-aktar mal-proċeduri għall-għoti tal-permessi u mal-pjattaformi diġitalizzati. tal-permessi. Għad-DSBs u l-SIPs, hemm kost <i>ta' darba</i> ta' EUR 10-15-il miljun u, kif issemma diġà, kost <i>rikorrenti</i> ta' EUR 6-7 miljun. Madankollu, l-awtoritajiet lokali jiffrankaw EUR 3-4 miljun fis-sena bid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi għall-għoti tal-permessi u mir-rekwiżiti biex jipprovdu aċċess għall-faċilitajiet pubbliċi mhux tan-network. Barra minn hekk, il-baġits nazzjonali tal-Istati Membri jistgħu potenzjalment jiffrankaw xi EUR 2,4 biljun f'sussidji li kienu jonfqu kieku kellhom jintroduċu networks "fibra sad-dar" f'90% tal-unitajiet domestiċi.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
L-introduzzjoni aktar mgħaġġla tan-networks VHCN, abbażi ta' teknoloġiji aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari l-fibra u l-5G, tiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja tal-UE. Din mistennija tikseb ukoll tnaqqis fl-intensità tal-elettriku fl-operat tal-komunikazzjoni elettronika, u b'hekk tgħin biex jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għalkemm potenzjalment dawn jiġu kontrobilanċjati b'żieda aktar mgħaġġla fit-traffiku tad-data. L-użu mill-ġdid aktar spiss tal-infrastruttura fiżika eżistenti u l-koordinazzjoni mtejba tax-xogħlijiet ċivili se jaġhmlu wkoll l-introduzzjoni tan-networks aktar sostenibbli mil-lat ambjentali.
Proporzjonalità?
Il-proposta tippreżenta azzjoni politika ffokata b'intensità proporzjonata skont l-oġettivi tagħha. Tindirizza l-oqsma rilevanti kollha b'sett komprensiv ta' miżuri u tipprevedi limitazzjonijiet biex tiżgura l-proporzjonalità, eż. eżenzjonijiet għall-obbligi tat-trasparenza fuq l-operaturi tan-networks u l-awtoritajiet pubbliċi, u l-approvazzjoni taċita għall-permessi biex jitqiesu kwistjonijiet kostituzzjonali.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-Kummissjoni se tippreżenta rapport li jevalwa r-Regolament fi żmien ħames (5) snin mid-data tad-dħul fis-seħħ.